IN-NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 50 - L-ERBGĦA 22 TA' FRAR 2023**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-17:45.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Christopher Deguara | Viċi Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mark Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| Assenti b'apoloġija | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* fuq il-paġna ta' *Facebook.*

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1 Is-SE informa li kien irċieva imejl mingħand il-Kunsillieri Cuomo u Abela li taw ir-raġuni għalfejn ma setgħux jattendu għal-laqgħa. Il-Kunsill qies l-assenza tagħhom bħala ġustifikata.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-**laqgħa numru 49 li saret l-Erbgħa 25 ta' Jannar 2023** li kienu meqjusa moqrija.

2.2 Il-minuti ġew approvati (*nem com*) wara proposta mis-Sindku, ssekondata mill-Viċi Sindku.

**3. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

3.1 Is-Sindku ppreżentat il-komunikazzjoni tagħha kif ġej:

3.2 Fis-26 ta' Jannar ġie ffirmat il-kuntratt tax-xiri ta' parti mill-għalqa mat-terzi, biswit il-Mitħna.

3.3 Fil-15 ta' Frar is-Sindku kellha laqgħa tar-Reġjun Tramuntana.

3.3.1 Se tinħareġ sejħa għall-offerti għat-tiswijiet tad-dawl.

3.3.2 Se tinħareġ sejħa għall-offerti fuq dawl ieħor, dekorattiv, lampi ornamentali, dawl LED kif ukoll bollards li jinxtegħlu fil-ġonna.

3.4 Hi infurmat li r-Reġjun qed jaħdem fuq *bye-law* sabiex isiru 9 *billboards*, waħda f'kull lokal u jsiru kull tip ta' riklami u informazzjoni mill-Kunsill. Kull Kunsill jibbenifika dħul minn kull reklam.

3.5 Se jsir *bye-law* wkoll fuq *street furniture* biex isiru riklami fuq bankijiet. F'każ li teżisti din il-*bye law* f'xi Kunsill ieħor, ir-Reġjun se jieħu ħsieb li ssir waħda għal-lokalitajiet kollha.

*3.6* Rigward PC3172/22 – Proposal to Construct an Electricity Distribution Centre near the Proposed Project of the Disability Hub, is-Sindku infurmat li se jkollha laqgħa mal-Awtorità tal-Ippjanar fil-21 ta' Marzu sabiex jiġi diskuss dan il-proġett.

*3.7* Is-Sindku staqsiet lill-Ministru Farrugia Portelli dwar jekk għadx hemm il-pjan li tinbena d-Disability Hub ħdejn il-grawnd tat-Tradefair. Hi qrat ir-risposta li rċeviet mingħand il-Ministru (annessa f'A).

*3.8* Fis-17 ta' Frar saret laqgħa mal-Ispettur u s-Surġent tal-Pulizija tan-Naxxar. Ġew diskussi diversi punti fejn il-Kunsill għin lill-Pulizija billi tahom il-kuntatti li kienu jeħtieġu.

**4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

**5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI**

5.1 Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

5.1.1 Lista ta' pagamenti (immarkata Seduta tal-Laqgħa nr 8/50) anness f'appendiċi B.

5.1.2 Lista ta' dħul tax-xahar ta' Jannar anness f'appendiċi Ċ.

5.1.3 Lista ta' ordnijiet għax-xahar ta' Jannar anness f'appendiċi D.

5.1.4 Lista ta' infiq mill-petty cash għax-xahar ta' Jannar anness f'appendiċi E.

5.2 Il-Kunsill approva r-rapporti (*nem con*) fuq proposta ill-Kunsillier Deguara ssekondata mill-Kunsillier Gatt.

**6. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT TAL-FINANZI**

6.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret il-Ġimgħa 17 ta' Frar 2023 (anness f'appendiċi F).

6.2 Il-Kunsill approva dawn il-minuti (*nem con*) fuq proposta tas-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Brincat.

**7. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI**

7.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tas-Sottokumitat tat-Talbiet u Lmenti li saret il-Ġimgħa 17 ta' Frar 2023 (anness f'appendiċi Ġ).

7.2 Il-Kunsill approva dawn il-minuti (*nem con*) wara proposta mill-Kunsillier Brincat issekondat mill-Kunsillier Spiteri.

**8. RAPPORT MIL-LAQGĦA TAL-LOKALITÀ**

8.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-**laqgħa li saret l-Erbgħa 25 ta' Jannar** li kienu meqjusa moqrija.

8.2 Is-SE informa li dawk it-talbiet li saru qed jiġu indirizzati bl-aħjar mod possibbli.

8.3 Il-Kunsill approva l-minuti *(nem con)* wara proposta mis-Sindku u ssekondata mill-Kunsillier Gatt.

**9. IL-PATT TAS-SINDKI (CONVENANT OF MAYORS) – TKT#52031**

9.1 Is-Sindku infurmat li tkellmet mal-President tar-Reġjun fejn għarrafha li l-Kunsill diġà huwa membru.

9.2 Se tiltaqa' mal-President il-ġimgħa ta' wara. Hi rat id-dokument imħejji SEAP (Sustainable Energy Action Plan) u qalet li sabet ir-rapport informattv ħafna. Id-data ta' dan ir-rapport huwa ta' 2014 u għalhekk kien skadut.

9.3 Il-Kunsill qabel li jekk ikun possibli mar-Raġjun jitħejja d-dokument mill-ġdid (illum jissejjaħ SECAP – Sustainable Energy and Climate Action Plan biex iservi ta' dokument bħala gwida għall-ħidma futura tal-Kunsill u bħala parti mill-Patt tas-Sindki.

**10. IMPLIMENTAZZJONI MILL-PROĠETT SLOW STREETS BĦALA PARTI MILL-ISKEMA TAL-AĊĊESSIBILTÀ U MOBILITÀ**

10.1 Is-Sindku infurmat li l-Kunsill kien ħa fondi taħt din l-iskema biex jimplimenta miżuri minn *slow streets.* L-ammont li l-Kunsill jista' jibbenefika minnu huwa ta' €15,000 u magħhom irid joħroġ 15% l-Kunsill. Minn dawn il-fondi l-Kunsill irċieva l-ammont ta' €11,000 u l-kumplament tal-fondi jingħataw wara li jitlesta l-proġett.

10.2 Is-SE informa li dan kienu għadu ma ġiex implimentat minħabba li kien hemm ħsieb li jingħaqdu r-riżorsi bl-għajnuna tal-AKL, li effettivament ma mmaterjalizzatx u li fl-aħħar tas-sena l-oħra l-Kunsill issottometta applikazzjoni ma' TM biex jibbenefika minn Eur20,000 fi skema relatata mas-suġġett bil-ħsieb li jingħaqdu l-fondi u jkun jista' jsir proġett aktar komplut. Madanakollu s'issa għad m'hemmx riżultati minn TM.

10.3 Id-Dipartiment informa verbalment lill-Kunsill li jekk il-fondi ma jintużawx il-Kunsill jkollu jerġa' jrodd lura l-flus lid-Dipartiment.

10.4 Fil-Kumitat tal-Finanzi ġie maqbul li jipproponi lill-Kunsill dan li ġej;

10.4.1 Fil-viċinanzi tal-Kappella ta' Santa Marija ssir zebra crossing bid-dawl b'kollox. Għal din trid issir applikazzjoni mill-ġdid mad-Dipartiment minħabba li ma kinitx tifforma parti mill-applikazzjoni oriġinali.

10.4.2 In-naħa ta' Birguma Triq P.H. Skippon kantuniera ma' Triq S. Taylor Coleridge se jsir żebgħa ma' l-art kif ukoll planters (skont id-dokument Slow Streets). Għandna naċċertaw li jkun hemm dawl adegwat.

10.4.3 F'Baħar iċ-Ċagħaq, sakemm ma jkunx se jibda proġett maħsub malajr, jitpoġġew planters fi Triq A.M. Caruana dan biex tidjieq it-triq u jsir immarkar fl-istess parti..

10.5 Il-Kunsill qabel (*nem con*) wara proposta mill-Kunsillier Brincat ssekondata mill-Kunsillier Gatt.

## 11. GREEN PROJECT BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

11.1 Is-Sindku infurmat li ħarġet skema ta' Project Green li se tagħlaq fit-28 ta' Frar. Dwar din l-iskema kien hemm diskussjoni mal-Kunsillier Cuomo fejn sar qbil li l-ispazju li hemm fid-daħla ta' Baħar iċ-Ċagħaq fi Triq Xatt il-Palm jiġi żvilluppat fi spazju aħdar u ta' tgawdija.

11.2 Is-SE semma li hemm diversi kriterji għal din l-iskema fejn ikun hemm ammont ta' ħdura u siġar u għalhekk iż-żona magħżula tikkwalifika.

11.3 Is-SE esebixxa viżwali li ħejja l-perit dwar din il-proposta fejn informa li parti mill-proġett isir parkeġġ. Informa wkoll li l-proġett jamalga miegħu ukoll Triq AM Caruana.

11.4 Il-Kunsill qabel *(nem con)* wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillieri Brincat u Gatt.

## 12. XOGĦOL FUQ TRIQ LELI FALZON – MIŻURA TA' TRAFFIKU

12.1 Is-Sindku infurmat li saret laqgħa ma' Infrastructure Malta rigward Triq Leli Falzon. Preżenti għal-laqgħa kien hemm is-SE.

12.2 IM infurmaw li x-xogħlijiet se jibdew f'Marzu minkejja li kienu ftehmu mal-Kunsill li x-xogħlijiet se jibdew f'April.

12.3 Fuq il-post ġew avviċinati minn problema li l-Perit ta' IM ma kienx konxju li kien hemm wegħda li se jsir ix-xogħol biex jevita problemi ta' għarar f'numru ta' garaxxijiet tant li informa li meta talbu lill-Istorm Water Unit jekk kienx meħtieġ xogħol kienu wieġbu fin-negattiv. Dak il-ħin is-Sindku tkellmet mal-Ministru responsabbli li informa li se jara x'seta' ġara.

12.4 Intalbu minn IM ukoll miżuri tat-traffiku li l-Kunsill irid fit-triq la darba tkun lesta u dwar dan iridu jintalbu l-permessi minn TM sabiex ikunu implimentati. Għalhekk hemm ċertu għaġġla biex jittieħdu ċertu deċiżjonijiet.

12.5 Dwar dan iltaqgħet mal-Perit biex jaraw kif jistgħu ikunu implimentati miżuri mill-istudju Slow Streets. Dan għaliex l-għanijiet tal-Kunsill huma li 1) jitnaqqas il-veloċità tat-traffiku mit-toroq; 2) li jkollna s-sigurtà fit-toroq; 3) li jiffaċilità u jinkoraġixxi l-mixi; 4) jitnaqqas it-*through-traffic*; 5) il-piż (l-inkonvenjent) tat-traffiku jkun mifrux fuq aktar żoni ħalli ma jkollox żoni li qed isofru aktar minn oħrajn; 6) jitnaqqas it-tniġġiż u 7) insebbħu t-toroq.

12.6 Il-Perit tal-Kunsill issuġerixxa li biex jintlaħqu dawn l-għanijiet Triq Leli Falzon (jew partijiet minnha) u Triq il-Forġa (jew partijiet minnha) jiġu f'direzzjoni waħda opposta. Hija taqbel ma' din il-proposta u għalhekk resqitha quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni. Issekondal-Kunsillier Gatt

12.7 Is-SE wera l-pjanti (kunċett tal-proposta) lill-Kunsillieri preżenti Dawn kienu kemm intbagħtulu mill-perit kemm wieħed jieħu idea bażika.

12.8 Id-direzzjoni tat-traffiku ikun li mit-Triq Leli Falzon it-traffiku jibqa' tiela 'l fuq u l-vetturi minn Triq il-Forga jinżlu l-isfel. Biex isir dan ikollu jitneħħa l-ħajt li hemm matul it-triq.

12.9 Il-Viċi Sindku ssuġerixxa li l-Perit tal-Kunsill għandu jibgħat pjanti bl-emendi b'mod li tkun aktar reali, biex meta dawn jiġu preżentati lir-residenti għall-konsultazzjoni jkunu fatwali.

12.10 Wara diskussjoni fit-tul, il-Kunsill qabel *(nem con)*.

**13. L-INAWGURAZZJONI TAL-MITĦNA TAL-GĦAQBA / ĠEMELLAĠĠ**

13.1 Is-SE fakkar fil-ġemellaġġ kif kien ġie diskuss u maqbul f'waħda mil-laqgħat tal-Kunsill ma' Canicattì fejn parti sewwa mill-fondi se jiġu mill-Unjoni Ewropea

13.2 Dan se jsir bejn il-21 u t-23 ta' April. Se jkun marbut mal-inawgurazzjoni tal-proġett tal-Mitħna li se jkun fil-21 ta' April..

13.3 Is-Sindku infurmat li l-inawgurazzjoni tal-Mitħna tkun festa tan-Naxxar. Se jkun hemm il-banda mill-Italja u anke ż-żewġ baned lokali. Se jkunu mistiedna nies distinti kif ukoll ir-residenti kollha. Ġie miftiehem li s-soċjetajiet se jarmaw bil-bankarelli.

13.4 Is-Sindku pproponiet li għal dan l-avveniment ikunu mistiedna nies distinti kif ukoll żewġ persuni (inkluż Sindku) mill-Kunsilli Lokali ta' Mornago, Scicli, Strumyani u Agia.

13.5 Il-Kunsill qabel.

**14. PETIZZJONI DWAR IL-BRING-IN SITES F'WESGĦET IL-FROTT**

14.1 Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva petizzjoni mir-residenti taż-żona biex jitneħħew il-Bring-In Sites.

14.2 Is-Sindku flimkien mal-Kunsillier Gatt infurmaw li ppruvaw isibu post alternattiv fejn dawn jistgħu jitressqu iżda ma nstab l-ebda post għalihom.

14.3 Il-Kunsillier Brincat fakkar li hu kien ġa għamel mozzjoni rigward dan iżda ma kinitx għaddiet.

14.4 Is-SE fakkar li jekk dawn jitneħħew u ma jkunx hemm post alternattiv l-ERA timponi penali fuq il-Kunsill minħabba obbligi imposti dwar ammont ta' siti simili skont il-popolazzjoni.

14.5 Il-Kunsill qabel li dawn jitneħħew u f'każ li l-Kunsill ikollu komunikazzjoni mill-ERA, jitlob lilhom isibu postijiet addatti.

**15. PJAN TA' TLIET SNIN**

15.1 Is-SE informa li rigward il-pjan għadu qed jaħdem fuqu.

15.2 Is-Sindku infurmat li jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

**16. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

16.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 22 ta' Marzu 2023 fis-17:45.

16.2 Il-Laqgħa ntemmet fis-19:15.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY)** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |

Kunsill Lokali: In-Naxxar

Seduta tal-Laqgħa nr 8/50

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data: Mit-18 ta' Jannar 2023 sa 14 ta' Frar 2023

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Accounting &Man Team | €695.73 | €695.73 | T | PF | Project Manager for an EU ERDF Co-financed Project for CultureMill Restoration Jan 23 | 31/01/2023 | 23/017 | n/a | n/a | 7601 |
| 2 | Adi Associates | €118.00 | €118.00 | T | PF | Review of planning applications - Jan 2023 | 27/01/2023 | 3840 | n/a | n/a | 3190 |
| 3 | Advisory 21 | €413.00 | €413.00 | T | PF | DPO Services for Jan 23 | 30/01/2023 | 2018-4008 | n/a | n/a | 3190 |
| 4 | Apcopay | €6.33 | €6.33 | NA | PF | Invoice for BOV transactions for Dec 2022 | 25/01/2023 | 16129 | n/a | n/a | 3110 |
| 5 | Archway | €174.95 | €174.95 | K | PF | Ironmongery items as needed | 22/12/2022 | 40979 | 18/23 | 18/23 | 2370 |
| 6 | Michela Aquilina | €120.00 | €120.00 | K | PF | Service of Junior Science Club for Dec 2022 | 01/01/2023 | nr 3 | n/a | n/a | 3190 |
| 7 | Michela Aquilina | €120.00 | €120.00 | K | PF | Service of Junior Science Club for Jan 2023 | 31/01/2023 | nr 4 | n/a | n/a | 3190 |
| 8 | Armor Consultants | €165.20 | €165.20 | K | PF | OHS Site Inspections at Tal-Ghaqba Windmill for Jan 2023 | 31/01/2023 | ACLI_7210 | 010/23 | 010/23 | 3190 |
| 9 | Arms | €278.54 | €188.54 | NA | PF | Christmas lights in Triq Santa Lucija for 2022 | 16/01/2023 | 35379268 | n/a | n/a | 3362 |
| 10 | Arms | €210.29 | €120.29 | NA | PF | Christmas lights in Pjazza Vittorja for 2022 | 16/01/2023 | 35379281 | n/a | n/a | 3362 |
| 11 | Arms | €105.55 | €15.55 | NA | PF | Christmas lights in Vjal 21 ta' Sett for 2022 | 12/01/2023 | 35364818 | n/a | n/a | 3362 |
| 12 | Arms | €113.06 | €113.06 | NA | PF | Meter at San Pawl tat-Targa (24.9-23.11.22) | 11/01/2023 | 35334179 | n/a | n/a | 2130 |
| 13 | Arms | €14.39 | €14.39 | NA | PF | Christmas lights in Triq ix-Xambekk for 2022 | 25/01/2023 | 35437893 | n/a | n/a | 3362 |
| 14 | Jurgen Attard | €390.00 | €390.00 | T | PF | Football guardian for Jan 2023 | 31/01/2023 | 3366 | n/a | n/a | 3191 |
| 15 | Jurgen Attard | €520.00 | €520.00 | NA | PF | Zarmar tal-Milied, NXR & BIC 40hrs | 24/01/2023 | 3364 | n/a | n/a | 3362 |
| 16 | Jurgen Attard | €192.00 | €192.00 | NA | PF | Zarmar Clint Galea u Louie Briffa | 24/01/2023 | 3365 | n/a | n/a | 3362 |
| 17 | Bitmac | €96.29 | €96.29 | K | PF | Instant road repair | 16/01/2023 | 106189 | 004/23 | 004/23 | 2311 |
| 18 | Bitmac | €96.29 | €96.29 | K | PF | Instant road repair | 04/02/2023 | 107764 | 16/23 | 16/23 | 2311 |
| 19 | Bitmac | €112.34 | €112.34 | K | PF | Instant road repair | 06/02/2023 | 107824 | 26/23 | 26/23 | 2311 |
| 20 | Briiz | €189.98 | €189.98 | T | PF | Cleaning of Public Convenience in Triq tal-Labour for Jan 2023 | 31/01/2023 | 63602 | n/a | n/a | 3053 |
| 21 | Calleja Ltd | €91.50 | €91.50 | K | PF | 15 LED Bulbs for Gnien UE | 23/01/2023 | 70109235 | 011/23 | 011/23 | 2310 |
| 22 | Calleja Ltd | €53.92 | €53.92 | K | PF | Recessed Wall Lights - Outdoor gym | 20/01/2023 | 70109185 | 013/23 | 013/23 | 7602 |
| 23 | Grace Camilleri | €259.64 | €259.64 | NA | PF | Naxxar branch librarian - Jan 23 | 31/01/2023 | nr 1 | n/a | n/a | 2995 |
| 24 | Benjamin Cilia | €118.00 | €118.00 | NA | PF | Large skip for clean up in Bahar ic-Caghaq | 07/02/2023 | 99 | n/a | n/a | 3051 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Iffirmat

Anne Marie Muscat Fenech Adami
Sindku

Iffirmat

Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

Iffirmat

Proponent

Iffirmat

Sekondant

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data: Mit-18 ta' Jannar 2023 sa 14 ta' Frar 2023

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 25 | Benjamin Cilia | €495.60 | €495.60 | NA | PF | Cleaning works in Gnien l-ghakkies including 2 large skips | 07/02/2023 | 98 | n/a | n/a | 7602 |
| 26 | Benjamin Cilia | €3,776.00 | €3,776.00 | K | PF | Construction works for room next to windmill | 06/02/2023 | 102 | 185/22 | 185/22 | 7601 |
| 27 | Benjamin Cilia | €3,638.34 | €3,638.34 | T | PF | Cleaning of non urban for Nov and Dec 2022 | 15/01/2023 | 95 | n/a | n/a | 3052 |
| 28 | Benjamin Cilia | €1,819.17 | €1,819.17 | T | PF | Cleaning of non urban for Jan 2023 | 1/2/2023096 | | n/a | n/a | 3052 |
| 29 | Client | €10.00 | €10.00 | NA | PF | Double charge paid on permit nr 34735 | 30/01/2023 | permit 34735 | n/a | n/a | 26 |
| 30 | Datatrak | €116.75 | €116.75 | NA | PF | 11 pre-regional tickets paid in Jan 2023 | 31/01/2023 | 1014699 | n/a | n/a | 3610 |
| 31 | Dimbros | €1,881.62 | €1,881.62 | T | PF | Bulky refuse service for Jan 2023 | 08/02/2023 | 37 | n/a | n/a | 3042 |
| 32 | DOI | €10.00 | €10.00 | NA | PF | Gov gazette advert re filming | 31/01/2023 | | n/a | n/a | 2610 |
| 33 | EcoPure | €930.00 | €930.00 | NA | PF | 245 pcs 18.9lts San Michel Bottles | 78123 | nr 1 | n/a | n/a | 2140 |
| 34 | Fr Anton | €350.00 | €350.00 | nA | PF | Tikka Band performed on 24.12.2022 BIC | 06/12/2022 | TBI-22/009 | n/a | n/a | 3360 |
| 35 | Fr Anton | €80.00 | €80.00 | nA | PF | Hiring of BIC hall for Aerobics sessions Oct-Dec 2022 | 25/01/2023 | nr 1 | 175/22 | 175/22 | 3381 |
| 36 | Jennings Falzon | €640.00 | €640.00 | nA | PF | Installing and handling crib Dec 2022 | 24/01/2023 | 1 | n/a | n/a | 3362 |
| 37 | Floreal | €130.00 | €130.00 | K | PF | Bouquet and table arrangement 2022 | 27/01/2023 | 7270123 | 148/22 | 151/22 | 3340 |
| 38 | Dr Maria Roberta Galea Mamo | €360.00 | €360.00 | nA | PF | Re kuntratt ta l-art ta fejn il mithna | 26/01/2023 | as per contract | n/a | n/a | 7513 |
| 39 | Dr Maria Roberta Galea Mamo | €27,000.00 | €27,000.00 | nA | PF | Re kuntratt ta l-art ta fejn il mithna - purchase of land | 26/01/2023 | as per contract | n/a | n/a | 7513 |
| 40 | Ghaqda Muzikali Marija Bambina | €200.00 | €200.00 | K | PF | Advert in calendar 2023 | 22/12/2022 | nr 1 | 240/22 | 240/22 | 2940 |
| 41 | Ghaqda Muzikali Banda Vittorja | €400.00 | €400.00 | NA | PF | Kiri ta arbli ghal Milied 2022 | 23/01/2023 | nr 2 | n/a | n/a | 3362 |
| 42 | GO plc | €16.50 | €16.50 | T | PF | Rental for 21416363 for Jan 2023 | 03/01/2023 | 83326557 | n/a | n/a | 2160 |
| 43 | GO plc | €22.34 | €22.34 | T | PF | Rental for 21416341 for Jan 2023 | 03/01/2023 | 83326556 | n/a | n/a | 2160 |
| 44 | GO plc | €16.50 | €16.50 | T | PF | Rental for 21417224 for Jan 2023 | 03/01/2023 | 83325658 | n/a | n/a | 2160 |
| 45 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Inspection after works in Triq Gibilta | 31/01/2023 | 1605 | n/a | n/a | 4006 |
| 46 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Inspection after works in Vjal 21 ta' Settembru | 08/02/2023 | 31803 | n/a | n/a | 4006 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Anne Marie Muscat Fenech Adami
Sindku

Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

Proponent

Sekondant

Kunsill Lokali: In-Naxxar

Seduta tal-Laqgha nr 8/50

Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Data: Mit-18 ta' Jannar 2023 sa 14 ta' Frar 2023

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 47 | Image Systems | €154.34 | €154.34 | T | PF | Rent billing and printing for photocopier | 31/01/2023 | 508172 | n/a | n/a | 2610 |
| 48 | Inland Revenue Dept | €7,218.60 | €7,218.60 | NA | PF | FSS and NI for Jan 2023 | 26/01/2023 | | n/a | n/a | 1500 |
| 49 | Mario Mallia | €589.68 | €589.68 | K | PF | Thinner and yellow road paint | 25/01/2023 | 2588 | 021/23 | 021/23 | 2312 |
| 50 | Melita plc | €49.82 | €49.82 | NA | PF | Business flexi duo for Feb 2023 | 01/02/2023 | 114501788 | n/a | n/a | 2160 |
| 51 | Melita plc | €32.00 | €32.00 | NA | PF | Internet service for Mithna tal-Ghaqba for Feb 23 | 01/02/2023 | 114572947 | n/a | n/a | 2160 |
| 52 | Melita plc | €41.59 | €41.59 | NA | PF | Racer Mobile Plan for 77358915 for Feb 22 | 01/02/2023 | 114570887 | n/a | n/a | 2160 |
| 53 | Melita plc | €49.82 | €49.82 | NA | PF | Business flexi duo for Jan 2023 | 01/01/2023 | 114348664 | n/a | n/a | 2160 |
| 54 | Melita plc | €19.98 | €19.98 | NA | PF | Television bill for Feb 23 | 01/02/2023 | 114609818 | n/a | n/a | 2160 |
| 55 | Mario Micallef | €200.00 | €200.00 | NA | PF | Crane ghall armar u zarmar ta arbli tal-Milied 22 | 14/01/2023 | 64 | n/a | n/a | 3362 |
| 56 | Micamed | €539.26 | €539.26 | T | PF | Maintenance on street lamp | 13/01/2023 | 10522 | n/a | n/a | 3065 |
| 57 | Micamed | €539.26 | €539.26 | T | PF | Maintenance on street lamp | 13/01/2023 | 10512 | n/a | n/a | 3065 |
| 58 | Micamed | €62.54 | €62.54 | T | PF | Maintenance on street lamp | 13/01/2023 | 10514 | n/a | n/a | 3065 |
| 59 | Micamed | €0.00 | €0.00 | T | PF | Maintenance on street lamp | 13/01/2023 | 10513 | n/a | n/a | 3065 |
| 60 | Micamed | €509.76 | €509.76 | T | PF | Maintenance on street lamp | 18/01/2023 | 10572 | n/a | n/a | 3065 |
| 61 | Micamed | €523.33 | €523.33 | T | PF | Maintenance on street lamp | 17/01/2023 | 10571 | n/a | n/a | 3065 |
| 62 | Micamed | €604.75 | €604.75 | T | PF | Maintenance on street lamp | 17/01/2023 | 10553 | n/a | n/a | 3065 |
| 63 | Micamed | €500.32 | €500.32 | T | PF | Maintenance on street lamp | 17/01/2023 | 10546 | n/a | n/a | 3065 |
| 64 | Micamed | €514.48 | €514.48 | T | PF | Maintenance on street lamp | 17/01/2023 | 10562 | n/a | n/a | 3065 |
| 65 | Micamed | €523.33 | €523.33 | T | PF | Maintenance on street lamp | 16/01/2023 | 10532 | n/a | n/a | 3065 |
| 66 | Micamed | €500.32 | €500.32 | T | PF | Maintenance on street lamp | 19/01/2023 | 10579 | n/a | n/a | 3065 |
| 67 | Micamed | €23.60 | €23.60 | T | PF | Maintenance on street lamp | 25/01/2023 | 10609 | n/a | n/a | 3065 |
| 68 | Micamed | €110.33 | €110.33 | T | PF | Maintenance on street lamp | 25/01/2023 | 10591 | n/a | n/a | 3065 |
| 69 | Micamed | €523.33 | €523.33 | T | PF | Maintenance on street lamp | 25/01/2023 | 10626 | n/a | n/a | 3065 |
| 70 | Micamed | €493.83 | €493.83 | T | PF | Maintenance on street lamp | 25/01/2023 | 10607 | n/a | n/a | 3065 |
| 71 | Micamed | €781.16 | €781.16 | T | PF | Maintenance on street lamp | 06/02/2023 | 10765 | n/a | n/a | 3065 |
| 72 | Micamed | €23.60 | €23.60 | T | PF | Checking on floodlight near Provita | 03/02/2023 | 10752 | n/a | n/a | 3065 |
| 73 | Micamed | €552.83 | €552.83 | T | PF | Maintenance on street lamp | 31/01/2023 | 10712 | n/a | n/a | 3065 |
| 74 | Micamed | €509.76 | €509.76 | T | PF | Maintenance on street lamp | 31/01/2023 | 10691 | n/a | n/a | 3065 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

Iffirmat

Anne Marie Muscat Fenech Adami
Sindku

Iffirmat

Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Iffirmat

Proponent

Iffirmat

Sekondant

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: Mit-18 ta' Jannar 2023 sa 14 ta' Frar 2023**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 75 | Micamed | €23.60 | €23.60 | T | PF | Isolator done | 31/01/2023 | 10652 | n/a | n/a | 3065 |
| 76 | Micamed | €587.05 | €587.05 | T | PF | Maintenance on street lamp | 03/02/2023 | 10746 | n/a | n/a | 3065 |
| 77 | Micamed | €138.06 | €138.06 | T | PF | Maintenance on zebra globes | 03/02/2023 | 10748 | n/a | n/a | 3065 |
| 78 | Micamed | €122.13 | €122.13 | T | PF | Maintenance on zebra globes | 03/02/2023 | 10747 | n/a | n/a | 3065 |
| 79 | Micamed | €649.00 | €649.00 | T | PF | Maintenance on street lamp | 31/01/2023 | 10721 | n/a | n/a | 3065 |
| 80 | Micamed | €23.60 | €23.60 | T | PF | Maintenance on street lamp | 31/01/2023 | 10723 | n/a | n/a | 3065 |
| 81 | Micamed | €493.83 | €493.83 | T | PF | Maintenance on street lamp | 31/01/2023 | 10700 | n/a | n/a | 3065 |
| 82 | Micamed | €0.00 | €0.00 | T | PF | Maintenance on street lamp | 03/02/2023 | 10689 | n/a | n/a | 3065 |
| 83 | Micamed | €493.83 | €493.83 | T | PF | Maintenance on street lamp | 03/02/2023 | 10725 | n/a | n/a | 3065 |
| 84 | Micamed | €23.60 | €23.60 | T | PF | Maintenance on street lamp | 03/02/2023 | 10727 | n/a | n/a | 3065 |
| 85 | Micamed | €92.04 | €92.04 | T | PF | Maintenance on street lamp | 12/01/2023 | 10483 | n/a | n/a | 3065 |
| 86 | Micamed | €446.04 | €446.04 | T | PF | Maintenance on street lamp | 12/01/2023 | 10484 | n/a | n/a | 3065 |
| 87 | Micamed | €94.40 | €94.40 | T | PF | Maintenance on street lamp | 03/02/2023 | 10729 | n/a | n/a | 3065 |
| 88 | Ministry for European Affairs | €3,730.41 | €3,730.41 | NA | PF | 25% irregulatiry on inv 257 re: finishing works at Windmill | 20/01/2022 | as per Arthur | n/a | n/a | 7601 |
| 89 | Victor Mula | €3,776.00 | €3,776.00 | K | PF | Construction works for room next to windmill | 06/02/2023 | 202 | 184/22 | 184/22 | 7601 |
| 90 | Paramount Coaches | €371.70 | €371.70 | K | PF | Transport services for Nov 2022 | 31/12/2022 | 10010747 | 5&180/22 | 5&180/22 | 2720 |
| 91 | Paramount Coaches | €285.56 | €285.56 | K | PF | Transport services for Dec 2022 | 31/01/2023 | 10010856 | 5 & 206/22 | | 2720 |
| 92 | Romina Perici Ferrante | €490.88 | €490.88 | K | PF | Accounting services for Jan 2023 | 31/01/2023 | 23/002 | 009/23 | 009/23 | 3160 |
| 93 | Romina Perici Ferrante | €82.60 | €82.60 | NA | PF | Online submission of FSS docs for 2022 | 06/02/2023 | 23/007 | n/a | n/a | 3160 |
| 94 | Piscopo Gardens | €76.70 | €76.70 | T | PF | Maintenance of plants for Jan 2023 | 24/01/2023 | 5072 | n/a | n/a | 3060 |
| 95 | Platinum Cabs | €70.00 | €70.00 | NA | PF | Transport in relation to visit to Sicily from 12 till 14 Dec 2022 | 11/01/2023 | 1776 | n/a | n/a | 2720 |
| 96 | Progressive | €23.60 | €23.60 | T | PF | Assistance in sage on 15.12.2022 | 31/12/2022 | 105469 | n/a | n/a | 3110 |
| 97 | Projekte Global Limited | €1,038.40 | €1,038.40 | K | PF | Security service at Outdoor gym in Triq l-Ghakkies | 26/01/2023 | 1 | | | 7602 |
| 98 | Ramilene | €32.65 | €32.65 | K | PF | Stationery for LC office | 23/01/2023 | 11683 | 012/23 | 012/23 | 2620 |
| 99 | Silvano Azzopardi | €900.00 | €900.00 | NA | PF | Armar u zarmar, disinji fit-toroq tal-Milied 2022 | 23/01/2023 | 3 | n/a | n/a | 3362 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Iffirmat

Anne Marie Muscat Fenech Adami
Sindku

Iffirmat

Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

Iffirmat

Proponent

Iffirmat

Sekondant

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: Mit-18 ta' Jannar 2023 sa 14 ta' Frar 2023**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 100 | Scotts | €185.70 | €185.70 | K | PF | Toiletries mainly for latrina Triq Labour | 31/01/2023 | 2740 | 23/23 | 23/23 | 2220 |
| 101 | Scotts | €89.36 | €89.60 | K | PF | Toiletries mainly for latrina Triq Labour | 31/01/2023 | 2741 | 25/23 | 25/23 | 2220 |
| 102 | Spiral | €8.26 | €8.26 | K | PF | Supply of print with gloss lamination | 11/11/2022 | 4947 | n/a | n/a | 2610 |
| 103 | SRF | €8,881.01 | €8,881.01 | T | PF | Collection of mixed waste for Nov 22 | 02/01/2023 | 971 | n/a | n/a | 3041 |
| 104 | SRF | €1,988.79 | €1,988.79 | T | PF | Collection of mixed waste for Nov 22 | 02/01/2023 | 970 | n/a | n/a | 3041 |
| 105 | SRF | €2,026.23 | €2,026.23 | T | PF | Collection of skips for Nov 22 | 02/01/2023 | 973 | n/a | n/a | 3041 |
| 106 | SRF | €9,666.98 | €9,666.98 | T | PF | Collection of organic waste for Nov 22 | 02/01/2023 | 972 | n/a | n/a | 3041 |
| 107 | SRF | €2,485.99 | €2,485.99 | T | PF | Collection of mixed waste for Dec 22 | 09/01/2023 | 1000 | n/a | n/a | 3041 |
| 108 | SRF | €10,361.18 | €10,361.18 | T | PF | Collection of mixed waste for Dec 22 | 09/01/2023 | 1001 | n/a | n/a | 3041 |
| 109 | SRF | €9,666.98 | €9,666.98 | T | PF | Collection of organic waste for Dec 22 | 09/01/2023 | 1002 | n/a | n/a | 3041 |
| 110 | SRF | €2,093.77 | €2,093.77 | T | PF | Collection of skips for Dec 22 | 09/01/2023 | 1003 | n/a | n/a | 3041 |
| 111 | Vella Falzon Home | €64.75 | €64.75 | K | PF | Paint for outdoor gym | 01/02/2023 | 301432 | | | 7602 |
| 112 | Wasteserv | €1,627.45 | €1,627.45 | NA | PF | Organic waste collection for Dec 2022 | 23/01/2023 | 109699 | n/a | n/a | 3040 |
| 113 | Wasteserv | €36.34 | €36.34 | NA | PF | Disposal of LC works orders | 23/01/2023 | 109517 | n/a | n/a | 3040 |
| 114 | Wasteserv | €8,734.84 | €8,734.84 | NA | PF | Black bag collection for Dec 2022 | 23/01/2023 | 109767 | n/a | n/a | 3040 |
| | | **€135,182.75** | **€134,912.99** | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Iffirmat

Anne Marie Muscat Fenech Adami
Sindku

Iffirmat

Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

Iffirmat

Proponent

Iffirmat

Sekondant

**Kunsill Lokali In-Naxxar**

**Income List for the month of January 2023**

| Code | Description | Amount |
|---|---|---|
| | Other Government Income | |
| 0001 | Annual allocation from Government | |
| 0015 | Other Government Income | |
| 0020 | Commercial/directional signs | |
| 0021 | Community services inc. Courses, Aerobics, outings etc | €1,655.00 |
| 0023 | Cultural Activities | |
| 0024 | Football ground hire | |
| 0025 | Skip Permit | €102.08 |
| 0026 | Crane Permit | €4,025.00 |
| 0027 | Kiosk Permit | €23.29 |
| 0028 | Outside Activity permit | |
| 0030 | Deposit of Material, scaffolding etc | €1,179.76 |
| 0031 | Hire of Council Hall | |
| 0032 | Permits for placing tables and chairs | |
| 0033 | Payment for damages to public property | |
| 0036 | Contraventions | €691.47 |
| 0067 | Documents/Information charges (inc. Parking clocks, photos etc) | €7.50 |
| 0110 | Sponsors/ donations | |
| 0121 | Advertising | €620.00 |
| 0125 | Trenching permits | €13.98 |
| 0200 | Debtors | |
| 4006 | Contractors guarantees | €690.00 |
| 4007 | Refunds to Council by individuals (such as for Gita, staff dinner etc) | |
| | **TOTAL** | **€9,008.08** |

| | | |
|---|---|---|
| **Receipts** | From | 46555 |
| | To | 46911 |

**List prepared by Charmaine Calleja** 01 February 2023

**Kunsill Lokali In-Naxxar**

**Purchase Order list for the month of January 2023** **01/02/2023**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 04/01/2023 | 001-23 | Leo's Garage Paramount | Day Centre January outing | € 118.00 |
| 05/01/2023 | 002-23 | Victor Mula | Shelving for library | € 2,028.42 |
| 06/01/2023 | 003-23 | Maltapost | Distribution of TCTC Flyers (computer courses) | € 219.00 |
| 12/01/2023 | 004-23 | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | € 96.29 |
| 16/01/2023 | 005-23 | George Brincat | Yoga sessions Jan-Mar 23 | € 600.00 |
| 16/01/2023 | 006-23 | Robert Galea | Pilates sessions Jan-Mar 23 | € 500.00 |
| 16/01/2023 | 007-23 | Centru Pastorali bIC | Use of hall for aerobics Jan-Mar 23 | € 80.00 |
| 16/01/2023 | 008-23 | Elaine Scerri | Aerobics sessions Jan-Mar 23 | € 250.00 |
| 17/01/2023 | 009-23 | Romina Perici Ferrante | Accountancy services for 2023 | € 5,890.56 |
| 17/01/2023 | 010-23 | Armor Consultants Ltd | Project supervision at the Construction Stage at Culture Mill Jan 22 | €5,900.00 |
| 18/01/2023 | 011-23 | Calleja Ltd | 15 LED Bulbs | € 91.51 |
| 18/01/2023 | 012-23 | Rameline | Stationery Items | € 42.09 |
| 19/01/2023 | 013-23 | Calleja Ltd | Recessed Wall Lights - Outdoor gym | € 53.92 |
| 20/1/2023 | 014-23 | Leo's Garage Paramount | Day Centre February outing | € 112.10 |
| 23/01/2023 | 015-23 | Mario Mallia | Street sign - Triq F.W. Ryan | € 27.44 |
| 24/1/2023 | 016-23 | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | € 96.29 |
| 24/1/2023 | 017-23 | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | € 96.29 |
| 24/01/2023 | 018-23 | Archway Ironmongery | Ironmongery supplies | € 164.15 |
| 24/01/2023 | 019-23 | Paramount Garage | Weekly transport for the elderly | € 5,900.00 |
| 24/01/2023 | 020-23 | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | € 5,900.00 |
| 24/01/2023 | 021-23 | Mario Mallia | 4 yellow road paint and 2 thinner | € 589.69 |
| 26/01/2023 | 022-23 | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | € 96.29 |
| 26/1/2023 | 023-23 | Scotts | Toiletries and supplies for cleaning of public conv. | € 183.90 |
| 26/01/2023 | 024-23 | Mario Mallia | Street Name - Triq il-Bajtar & No Entry sign | € 54.87 |
| 27/1/2023 | 025-23 | Scotts Supermarket | Supplies for the cleaning of public conveinece | € 100.71 |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |

**Total** **€29,191.52**

**List prepared by Charmaine Calleja.**

# Naxxar Local Council

**Petty Cash - January 2023**

| For 07/01/2023 through 01/02/2023 | | | Balance | €200.00 | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| **Date** | **Supplier** | **Description** | **Amount Deposited** | **Amount Withdrawn** | **Reference** |
| | | Balance Brought Forward | €200.00 | | |
| | | | | | |
| 07/01/2023 | Maltapost | Stamps for returned post | | €2.20 | 001/23 |
| 01/02/2023 | | Returned to float | €2.20 | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | **Totals** | €202.20 | €2.20 | |

List created by Charmaine Calleja

**Laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi**

**Data:** 17 ta' Frar 2023

**Ħin:** 1.00pm-2.00pm

**Preżenti:** Is-Sindku, l-Kunsillier Noel Gatt (sostitut tal-Kunsillier Brincat), is-Segretarju Eżekuttiv u Yanika Borg (Uffiċjal tal-Kunsill). Il-Viċi Sindku ma kienx preżenti għal din il-laqgħa.

**Post:** Kunsill Lokali in-Naxxar

---

1. **Talba għal ħlas ta' danni 015/22 - €330;**

   1.1 Il-Kumitat qies l-evidenza bħal suffiċjenti b'mod li tikkonferma li l-ħsara saret kif irrapurtat u għalhekk il-Kumitat jirrakomanda li jsir il-ħlas.

2. **Talba għal ħlas ta' danni 014/22 - €260;**

   2.1 Il-Kumitat qies l-evidenza bħal suffiċjenti b'mod li tikkonferma li l-ħsara saret kif irrapurtat u għalhekk il-Kumitat jirrakomanda li jsir il-ħlas.

3. **Talba għal ħlas ta' danni 012/22 - €215;**

   3.1 Il-Kumitat qies l-evidenza bħal suffiċjenti b'mod li tikkonferma li l-ħsara saret kif irrapurtat u għalhekk il-Kumitat jirrakomanda li jsir il-ħlas.

4. **Talba għal ħlas ta' danni 001/23 - €55;**

   4.1 Il-Kumitat innota li ma kienx hemm evidenza li każ seħħ fejn allegat.

   4.2 Il-Kumitat talab aktar evidenza sabiex ikun jista' jirrikonsidra dan il-każ.

5. **Talba għal ħlas ta' danni 002/23 - €185;**

5.1 Il-Kumitat innota li m'hemmx biżżejjed evidenza li l-ħsara saret fuq il-post allegat.

5.2 Il-Kumitat talab aktar evidenza sabiex ikun jista' jirrikonsidra dan il-każ.

6. **Talba għal ħlas ta' danni 003/23 - €115;**

6.1 Il-Kumitat qies l-evidenza bħal suffiċjenti b'mod li tikkonferma li l-ħsara saret kif irrapurtat u għalhekk il-Kumitat jirrakomanda li jsir il-ħlas.

7. **Taħriġ fil-*proofreading* minn waħda mill-impiegati - €900;**

7.1 Is-SE informa lill-Kumitat li waħda mill-impjegati kienet se tieħu taħriġ fil-*proofreading.* Fid-dawl li dan it-taħriġ se jkun ta' gwadan għax-xogħol fil-Kunsill, is-SE issuġerixxa li dan il-kors jiġi mħallas mill-Kunsill.

7.2 Il-Kumitat approva.

8. **Manutenzjoni urġenti taċ-Ċentru Ċiviku;**

8.1 Is-SE informa li fl-aħħar maltemp daħal ammont ta' ilma minn diversi bnadi u kkaġuna ħsarat.

8.2 Huwa għamel spezzjoni tal-bejt ma' wieħed mill-*handymen* u sabu li kien hemm bżonn ta' ammont kbir ta' manutenzjoni. F'dan l-istadju ma kienx possilbli li tkun kwantifikata l-ispiża involuta.

8.3 Il-Kumitat qabel li jitlob lil *handymen* tal-Kunsill jgħamlu dan ix-xogħol bi ħlas addizjonali mingħajr ma jtellfu mill-ġurnata normali tax-xogħol tagħhom.

9. **Peace Band Club request for sponsorship - €200** #55042

9.1 Il-Kumitat iddiskuta talba li waslet għand il-Kunsill għall-għajnuna f'kunċert li se jittella mill-Peace Band Club fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa..

9.2 Il-Kumitat qabel li jikkolabora skont kif mitlub.

**10. Skema għall-Finanzjament ta' Proġetti Kapitali –** **Aċċessibilita' u Mobilita' - SPI.SCI.3.2020 #23605**

10.1 Is-SE fakkar lill-Kumitat li din kienet skema li ħarġet fl-2020 u li l-Kunsill kien applika għaliha biex jimplimenta partijiet mill-proġett Slow Streets. Informa li kien sar tentattiv mill-AKL biex jingħaqdu r-riżorsi iżda jidher li ma waslitx. Il-Kunsill ukoll kien applika ma' TM għall-fondi fl-aħħar tas-sena bil-ħsieb ikun li jingħaqdu l-fondi u jsir proġett aħjar. Però s'issa għad ma kienx riżultat tal-applikazzjoni.

10.2 Is-SE spjega wkoll li kien mitlub mid-Dipartiment, informazzjoni dwar is-sitwazzjoni ta' dan il-proġett u li jekk il-Kunsill ma kienx se jimplimenta l-proġett id-Dipartiment ma jkollux alternattiva li jitlob il-fondi lura.

10.3 Il-Kumitat qabel li għandu jieħdu deċiżjoni malajr kemm jista' jkun biex jimplimenta miżuri li joħolqu miżuri tat-traffiku għal aktar aċċessibilità fil-toroq. F'dan ir-rigward kien hemm qbil li dan il-punt jiġi diskuss mis-sottokumitat tat-talbiet u lmenti biex jgħaddi r-rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill.

Il-Laqgħa ntemmnet fis 14.05.

---

**Paul Gatt**

Segretarju Eżekuttiv

**Post:** Kunsill Lokali in-Naxxar

**Data:** 17 ta' Frar 2023

**Ħin:** 14.05 - 16.15

**Preżenti:** Is-Sindku, Il-Kunsillier Joe Spiteri, Il-Kunsillier Noel Gatt (sostitu tal-Kunsillier Marlon Brincat), is-Segretarju Eżekuttiv u Yanika Borg (uffiċjal tal-Kunsill)

**Is-SE ressaq l-ilmenti/talbiet fuq il-formoli apposta u li kienu jinkludu ritratti u site plans skont il-każ.**

| **Dawn li ġejjin huma l-ilmenti/talbiet imressqa li jinkludu d-deċiżjoni tas-sotto-kumitat:** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ***Ref. No.*** | ***Tkt. No.*** | ***Deskrizzjoni tat-talba*** | ***Isem tat-triq*** | ***Rakkomandazzjoni tal-Kumitat*** |
| Dan il-każ ġie riferut lil dan is-sottokumit mill-Kumitat tal-Finanzi. | | Skema għall-Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibilita' u Mobilita' - SPI.SCI.3.2020 #23605 - Is-sottokumitat ġie mitlub biex iressaq il-proposti tiegħu. Għandu jikkunsidra wkoll proposti bl-istess għan tal-iskema u li mhux neċessarjament li joħorġu mid-dokument tal-proġett slow streets. Jekk isir hekk ikun irid jintalab permess mid-Dipartiment. | | Isir applikazzjoni biex isiru 1. Il-*pelican lights* mal-*crossing* il-ġdida fi Triq Kapella ta' Santa Marija (mhux inkluż fi Slow Street); 2. Isir proġett fi Triq P H Skippon hekk kif propost fil-proġett Slow Streets. |
| 12307 | 53825 | Received an application from TM regarding a less than 2 metre sign (width) at the last part of Alley 6 in Pjazza Vittorja. Reason being is too narrow for machinery to maneuver | Vittorja (Sqaq Nru. 6) | Approvata. |
| 12314 | 54029 | Request for a **no motorbike sign**. The concrete floor is already fragile as it is, with the issue we had with the old drainage system crumbling in the past. The alleys are also very narrow, so each time they also risk breaking the pots and plants when turning. This person is referring to food delivery motorbikes coming into the alley. | Santa Lucija (Sqaq Nru. 04) | Mhux approvata miħabba li jinħoloq preċedent. |
| 12326 | 53682 | Request for Unloading Bay infront of Kimchi Restaurant in Pjazza Vittorja. | Vittorja | Jintalab il-ħin li fih qed tkun mitluba l-un/loading u min qed jitlobha jipproponi post fejn tista' ssir. |
| 12327 | 54197 | Request for extension of the sidewalk to provide more space or the installation of bollards to protect the restaurant's terrace (Kimchi Restaurant, Pjazza Vittorja). | Vittorja | Mhux approvata fid-dawl li dak li qed jintalab huwa għall-użu privat tar-ristorant. Anżi l-Kunsill jitlob li l-istruttura tinżamm f'kundizzjoni tajba u li tkun tixraq mal-ambjent tal-pjazza. Oltre minn hekk jintalab li jitħalla passaġġ adekwat fuq li bankina li jippermetti l-bankina tintuża b'wheelchair u pushchair. |
| 12333 | 48327 | Riferenza ghal WO 12019 kien gie deciz li tigi kunsidrata mal-bagit li jmiss. Talba ghal bank fit-Triq tal-Labour quddiem dar nr 41 Marija Bambina https://goo.gl/maps/js4nHaa3X8ByQaX98 . Dan il-bank ghandu jigi bit-tinda minhabba s-sigar li hemm fuq il-post. Meta kienu saru dawn it-tip ta' bankijiet kienu gew jiswew 909EUR li jinkludi l-installazjoni | Labour | Jekk il-Kunsill għandu l-materjal biex isir il-bank, dan isir mill-handyman u jkun installat fejn mitlub. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 12334 | 26499 | Isir dawl ma zebra crossing fit-Triq San Pawl (hdejn il-wellbee supermarket) | San Pawl | Fid-dawl li din iċċaqalqet minn TM, issir pressjoni ma TM biex issir minn TM. (kuntatt: Jeffery Curmi - CEOTransport Malta u tkun ikkopjata s-Sindku f'din il-korrispondenza) |
| 12338 | 54462 | Talba għall-Un/loading bay ġo Triq in-Nutar Debono, Naxxar mitluba minn Teak Touch ta' Triq il-Parroċċa. Il-ħinijiet mitlubin huma mit-Tnejn sal Ġimgħa, bejn l-4.00pm u 7.00pm<br>Is-Sibt bejn id-9.00am u 12.00pm. | Nutar Debono | Tintalab kjarifika għar-raġuni li għaliha qed tintalab. Il-ħinijiet mitluba mhumiex ħinijiet li fihom issir *delivery*. Jekk qed tintalab għall-użu tal-klijenti, is-sid għandu jkun infurmat li l-kiljenti ma jistgħux jipparkjaw fuq *un/loading bay* u dawn ikunu suġġetti għal taġrika jekk jagħmlu dan, |
| 12342 | 54443 | Talba ghal zebgha ta parking bays u MC bays fis-service road qrib Soleil court | Andrea Debono (Service Road) | Approvati. |
| 12345 | 53404 | to discuss possible basketball court locations in Naxxar from ticket #53404 | | Bħala Kunsill m'għandniex art fejn possibli jsir dan. |
| 12347 | 53868 | to discuss Refab lightblue partnerships's proposal re: adding small hermetic containers with specialized safety locks for the collection of used food oil. | | Il-Kumitat ma' qabilx ma din il-propsta u għalhekk m'approvax li ssir. |
| 12351 | 54715 | Talba ghal-intervent tal-Kunsill biex jitwahhlu dwal apposta li jdawlu l-faccata tal-knisja. Minn naha tal-Knisja dhalna ghall-progett li ndawlu l-kampnar minn nahat kollha tieghu.<br>Dan id-dawl minbarra li jkompli ssebbah il-gnien bil-faccata tal-knisja mixghula, jdawwal iz-zuntier li bhalissa jinsab fid-dlam, minhabba li miz-zewg arbli li kien hemm (u li skont il-parir tal-Perit tal-Gvern, ghandhom jitnehhew ghax qed ikerhu l-faccata), wiehed tqaccat u l-iehor mhux jixghel. | Xambekk | Tintalab aktar informazzjoni dwar l-ispejjez involuti. |
| 12357 | 54764 | Proposta ghal Esproprjazzjoni tal-art Vjal il-Qalbiena Naxxar kantuniera ma Triq il-Bazilika (formerly known as Triq il-Kbira, Mosta). Ir-raguni li qed tintalab hi ghax min ikun qed jaqsam ma jarax karozza li tkun hierga minn Triq il-Bazilika biex tikser fuq ix-xellug ghal Vjal il-Qalbiena Mostin, Naxxar | Qalbiena Mostin | Din it-talba mhijiex fil-kompitu tal-Kunsill. Tali talba għandha tgħaddi għand l-Awtorità tal-Artijiet u Transport Malta - Ir-resident għandu jkun infurmat b'dan. |
| | | Talba biex il-Bring in sites jiġu rikolati | Wesgħat il-Frott | Dan il-każ għandu jitla' għal dikussjoni waqt il-laqgħa tal-Kunsill. |
| | | Talba għal enforcement ħdejn il-muzew waqt il-ħinijiet tal muzew | Castro | Nitolbu lill-Pulizija u LESA sabiex ikunu preżenti fuq il-post. |